MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 493/2006

**Joseph u Ann konjugi Vassallo**
**ID Card Numbers rispettivi 34430(M) u 310735(M)**

**Vs**

**Perit Stephen Farrugia u martu Shirley Farrugia**
**ID Card Numbers rispettivi 576663(M) u 595164(M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) rapprezentanti kwantu ghal hamsin lira Maltin (Lm50) bhala subcens annwu u perpetwu ghas-sena 2004 li jithallas kull 29 ta' Settembru, oltre l-hamsin lira Maltin (Lm50) rapprezentanti lawdemju u dan peress illi l-konvenuti akkwistaw il-proprjeta' 'Villa Mombasa', Triq l-

Artikli, Salini limiti ta’ San Pawl il-Bahar, Qawra tramite l-kuntratt ta’ xiri fl-atti tan-Nutar Marco Burlo’ tat-23 ta’ Gunju, 2004 mis-socjeta’ Sahasa Company Limited. Bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-24 t’April, 2006 skond l-Ittra annessa ma’ l-Avviz.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati la dehru w anqas ma pprezentaw Risposta.

Sema’ x-xhieda ta’ Anne Vassallo li kkonfermat bil-gurament il-pretensjoni attrici u l-ammont minnha mitlub ghadu dovut.

Illi ghalhekk it-talba attrici tinsab debitament ippruvata u tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta’ mitt lira Maltin (Lm100) bl-ispejjez tal-kawza. L-interessi jibdew jiddekorru mid-19 ta’ Lulju, 2006 (data tan-notifika ta’ l-Avviz).

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------